# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA SEKONDARJA 2007

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A**. Agħżel it-tajba u agħmel sinjal taħtha. **(10 marki)**

1. Il-kliem ‘jaqsmu l-ħobż fi djarhom’ ifisser (ikla normali, il-Quddiesa).
2. Lir-raġel li waqa’ f’idejn il-ħallelin f’Ġeriko għenu (l-Levita, s-Samaritan).
3. Il-mara li Ġesù fejqilha ’l bintha kienet mara (Lhudija, Griega).
4. Wara li ltaqa’ ma’ Ġesù, Levi l-Pubblikan beda jissejjaħ (Pietru, Mattew).
5. L-Istorja tat-Torri ta’ Babel turi li (Alla hu Sid ta’ kollox u ta’ kulħadd, il-bniedem huwa aqwa minn Alla).
6. Il-festa ta’ l-Għid il-Ħamsin tissejjaħ ukoll (Lapsi, Pentekoste).
7. ‘Ruħ il-Qodos’ tfisser (l-Ispirtu s-Santu, l-Iben t’Alla).
8. L-ewwel martri kien (Sawl, Stiefnu).
9. Il-priedka ta’ wara l-Evanġelju nsejħulha (l-Omelija, l-Epistola).
10. L-ittra li jikteb l-Isqof lill-Insara tad-djoċesi tiegħu insejħulha (Enċiklika, Ittra Pastorali).

**Taqsima B**. Imla l-vojt bil-kliem ta’ hawn taħt. **(10 marki)**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| martri | Paċi | Babel | Konċilju | San Franġisk Saverju | |
| dnub | Eġittu | Missierna | Appostli | Ragħaj | Tajjeb |

1. Il-ħidma ta’ Ġesù biex jgħaqqad lill-bnedmin, narawha fix-xbieħa sabiħa u importanti tar-______________ it-______________.
2. Id-______________ jifred il-bnedmin minn Alla u minn xulxin.
3. Fil-festa ta’ l-Għid il-Ħamsin, il-Lhud kienu jiftakru meta Alla ħelishom mill-jasar ta’ l-______________.
4. Il-ġrajja tat-Torri ta’ ______________ hija ġrajja fit-Testment il-Qadim li turi kif firda minn Alla ġġib firda bejnietna.

5. Ġesù għażel lill-_______________ sabiex wara li Hu jitla’ s-sema jkun hemm min jieħu ħsieb il-Knisja tiegħu.

6. Fil-_______________ li ngħidu waqt il-Quddiesa nuru l-għaqda tagħna bħala familja waħda, ulied l-istess Missier.

7. Fil-_______________ li nagħtu lil xulxin fil-Quddiesa nuru l-impenn ta’ l-għaqda tagħna fil-Mulej.

8. Meta l-Isqfijiet tad-dinja kollha jinġabru flimkien mal-Papa biex jitolbu u jiddiskutu t-tagħlim tal-Knisja jissejjaħ _______________.

9. Dawk li jmutu għat-twemmin tagħhom f’Ġesù jissejħu _______________.

10. Wieħed mill-ikbar missjunarji tal-Knisja ta’ Ġesù huwa ___________________________.

**Taqsima Ċ**. Qabbel kolonna A ma’ kolonna B. **(10 marki)**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Beatu Dun Ġorġ kien | | l-messaġġ ta’ Ġesù. |
| 2. | Ir-Reliġjużi ma jiżżewġux | | li tħobbu lil xulxin. |
| 3. | Il-Missjurarji jħabbru | | u għammduhom fl-isem tal-Missier, ta’ l-Iben u ta’ l-Ispirtu s-Santu. |
| 4. | F’Antijokja d-dixxipli ta’ Ġesù | | il-qassis tat-tagħlim tal-katekiżmu fost il-kbar u t-tfal kollha ta’ Malta. |
| 5. | Ir-razziżmu jqis lill-bnedmin l-oħra | | permezz ta’ Ittri. |
| 6. | L-aħħar Konċilju li sar fil-Knisja | | biex joffru l-ħajja tagħhom kollha għal Alla u għall-ġid tal-Knisja. |
| 7. | Is-suċċessuri ta’ l-Appostli huma | | bdew jissejħu Kristjani. |
| 8. | Xi Appostli kienu jwasslu l-messaġġ ta’ Ġesù | | bħala nies inferjuri. |
| 9. | Morru agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha | | insejħulu l-Konċilja Vatikan II. |
| 10. | Nagħtikom kmandament ġdid : | | il-Papa u l-Isqfijiet. |

**(20 marka)**

**Taqsima D**. Ikteb madwar 50 kelma biex turi x'taf dwar il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli li studjajt fuqu din is-sena.

Dawn il-kelmiet jistgħu jgħinukom: San Pawl, San Pietru, San Luqa, il-ġrajja tan-nawfraġju, tagħlim, Ruma.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Taqsima E**. Wieġeb. **(20 marka)**

1. Min kienu l-pubblikani?

   ______________________________________________

2. Għid għaliex il-Lhud kienu jiltaqgħu fis-sinagoga?

   ______________________________________________

3. X'kienu jagħmlu l-Lhud fit-tempju ta' Ġerusalemm?

   ______________________________________________

4. Għaliex baqa' msemmi San Lawrenz?

   ______________________________________________

5. X'kien ix-xogħol ta' San Vinċenz de Paule?

   ______________________________________________

6. Għal x'hiex jibqa' mfakkar Monsinjur Mikiel Azzopardi?

   ______________________________________________

7. X'talab San Stiefnu fil-mument tal-mewt tiegħu?

   ______________________________________________

8. Ma' min kienet tagħmel karità Madre Tereża?

   ______________________________________________

9. Semmi Għaqda mmexxija mill-Knisja li tieħu ħsieb id-drogati?

   ______________________________________________

10. X'tifhem meta tgħid li l-Knisja hi 'Kattolika'?

    ______________________________________________

**Taqsima F**. Aqra s-silta u wieġeb. **(30 marka)**

1. "Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni … kont għeri u libbistuni." (Mt. 25:35-36, 40)

(a) Għid x'ried ifisser Ġesù b'dan il-kliem.

______________________________ (4 marki)

(b) X'kienu jagħmlu l-ewwel insara bil-ġid li kellhom?

______________________________ (3 marki)

(ċ) Lil min għażlu biex jgħinhom f'dan ix-xogħol?

______________________________ (3 marki)

(d) X'qed tagħmel il-Knisja llum biex tkompli x-xogħol li kien isir fl-ewwel żminijiet? Semmi u għid x'qed jagħmlu **erba'** organizzazzjonijiet tal-Knisja.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (8 marki)

2. "Kull ma' għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi."

(a) X'iridna nagħmlu Ġesù b'din is-silta?

______________________________

______________________________

______________________________ (6 marki)

(b) Irrakkonta ġrajja meta int għent lil xi persuna għall-imħabba ta' Ġesù.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (6 marki)